21 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Spiridione Zammit ne. *versus* Emmanuele Cachia Mugliett et. *

**Lokazzjoni — Karrozza — Danni — "Skid" — Aċċident — Art. 1650, 1176, u 1072 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min ikollu f'idejh ħaġa b'titolu ta' kiri għandu jmur eżenti minn kull responsabilità, anki fil-konfront tal-persuna li krietlu dik il-ħaġa, għall-ħsara li tiġri lil dik il-ħaġa waqt li tkun għandu mikrija, jekk huwa jipprova li l-ħsara ġrat minħabba kawża estranea għalieh u mingħajr ħtija tiegħu.*

*Fil-każ preżenti, l-attur kien kera lill-konvenut karrozza għas-"self drive", u waqt li kienet misjuqa mill-konvenut dik il-karrozza sofriet ħsara għax ġiet f'kolliżjoni ma' karrozza oħra. Ġie pruvat li l-konvenut, kerrej tal-karrozza, ma kellux ħtija, għaliex ġie nvestit mill-karrozza l-oħra, u li d-driver tal-karrozza l-oħra ma kellux lanqas tort, għaliex il-karrozza l-oħra minnu misjuqa daħlet fuq il-karrozza mikrija għand il-konvenut minħabba li skiddjat mingħajr ebda ħtija tiegħu. U, b'applikazzjoni tal-prinċipji fuq esposti, il-Qorti żammet u qatgħet illi, stante li ġie pruvat li l-ħsara ġrat b'aċċident, kellu jbatiha l-attur bħala sid il-karrozza.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha xierqa, talab li l-konvenut jiġi kundannat minn din l-Onorabbli Qorti jħallas lill-attur, fil-premessa kwalità tiegħu, somma ta' flus li tiġi likwidata minn din

* Minn din is-sentenza sar appell mill-attur limitatament għall- kap tal-ispejjeż, li ġie riformat mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina b'sentenza tagħha tas-7 ta' Ġunju, 1957.

l-Onorabbli Qorti, jekk hemm bżonn anki b'opera ta' perit, bħala danni kaġunati minnu lill-attur nomine fl-okkażjoni tal-kiri li l-attur għamel lill-konvenut ta' karrozza numru 8235 għas-"self drive" konsistenti dawn id-danni fl-ispejjeż li l-attur għamel biex isewwi l-ħsarat li kellha l-karrozza, u fit-telf ta' qliegħ li huwa sofra għaż-żmien kollu li l-istess karrozza damet tissewwa. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-jum 16 ta' Frar 1954;

*Omissis;*

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Mejju 1955, li biħ ġie msejjaħ fil-kawża Andrea Camilleri;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, ikkonkluda (1) illi l-konvenut mhux responsabbli tad-danni kaġunati fil-karrozza tal-attur, peress lidawn ġew kaġunati mill-imsejjaħ fil-kawża Andrea Camilleri; (2) illi dana Camilleri lanqas huwa responsabbli ta' dawk id-danni, peress li l-kolliżjoni kienet dovuta għal każ fortuwitu, u dan ma kienx preċedut minn ebda fattur ta' ħtija da parti tiegħu; (3) illi l-konvenut ma assumiex li jħallas il-ħsara li ġrat fil-karrozza tal-attur; (4) illi l-konvenut, bħala kerrej, adempixxa l-obligi lilu mposti mill-liġi, peress illi nnotifika fil-ħin lil-attur bil-ħsara li ġrat fl-oġġett lilu mikri; (5) u illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw għas-somma ta' £10;

Illi fid-dibattitu orali, l-unika obbjezzjoni mqanqla mill-attur għall-konklużjonijiet peritali kienet fis-sens illi, ladarba huwa kien ikkonsenja lill-konvenut il-karozza fi stat tajjeb, dan, bħala kerrej, kien obligat iroddielu f'dak l-istat, kellu jew ma kellux ħtija fil-ħsara li ġratilha; u jekk anki ma kellux ħtija, jara huwa ma' dak li kien il-kaġun tal-ħsara, jiġifieri mal-imsejjaħ fil-kawża;

Illi din il-pretensjoni mhix aċċettabbli, għaliex hija kuntrarja għal-prinċipju ġenerali stabbilit fl-art. 1176 tal-Kodiċi Ċivili, applikat f'materja ta' lokazzjoni mill-art. 1650 tal-istess Kodiċi. Ladarba l-konvenut ipprova li l-ħsara ġrat minħabba kawża estranea għalih, u mingħajr ħtija tiegħu, huwa għandu jmur eżenti minn kull responsabilità anki fil-konfront mal-attur. F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna, anki f'materja ta' ħsarat kaġunati f'karrozzi mikrija, kif, "a contrario sensu", jista' jiġi argumentat mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża "Dalli vs. Williams", deċiża fit-8 ta' Frar 1938 (Kollez. XXX-II 48);

Illi, peress li ġie pruvat li l-ħsara ġrat b'aċċident, għandu jbatiha dak li fuq il-ħaġa tiegħu ġrat il-ħsara, u f'dan il-każ l-attur (art. 1072 Kod. Ċiv.);

Illi, fi kwalunkwe każ, l-attur issottometta li l-ispejjeż jeħtieġilhom jiġu moderati. Dina s-sottomissjoni jista' jkollha valur relativament għall-ispejjeż tal-imsejjaħ fil-kawża, għaliex dan ġie msejjaħ fuq talba tal-konvenut, u prinċipalment fl-interess tiegħu; difatti, l-attur sostanzjalment kien oppona ruħu għall-kjamata in kawża (ara risposta tiegħu fol. 11);

Illi, kwantu għar-responsabilità tad-danni, il-Qorti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali, taqbel mar-raġunamenti tal-perit u mal-konklużjonijiet minnu raġġunti;

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tal-perizja ġudizzjarja;

Tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet opposti mill-imsejjaħ fil-kawża, billi ġew rinunzjati;

U tiċħad it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu, barra dawk tal-imsejjaħ fil-kawża, li għandhom jibqgħu terz għall-attur u żewġ terzi għall-konvenut.